MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tat-28 ta' Frar, 2005

Appell Civili Numru. 225/2004/1

Fl-Atti tal-bejgh *sub hasta* numru 9/2003 fl-ismijiet:

**Michaelangelo Cordina, *beach cleaner*, bin il-mejtin Louis u Giuditta *nee`* Azzopardi, imwieled Xewkija u residenti *J & M Court*, 2, Triq Patri Anton Debono,**
**Victoria, Karta ta' l-Identita` numru 27962G**

**v.**

**Rose Grech mart Michaelangelo Cordina, minnu legalment**
**separata, bint il-mejjet Nicholas Grech u Maria nee` Scicluna,**

**imwielda Victoria u residenti *Ta' Koli*, Triq it-Tabib Anton Tabone,**
**Victoria, Ghawdex, Karta ta' l-Identita` numru 16867G**

**Il-Qorti:**

**1.** Din hija decizjoni dwar proceduri inizjati quddiem din il-Qorti permezz ta' rikors ta' appell presentat fit-30 ta' Awissu, 2004. Permezz ta' dan ir-rikors Rose Grech qed titlob li din il-Qorti "joghgobha, wara li thassar id-digriet tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex, Gurisdizzjoni Generali, Superjuri) tal-24 t'Awissu 2004, u tghid illi r-rikors tad-19 ta' Frar 2004 ghadu ma giex degretat, terga' tibghat l-atti lil dik il-Qorti sabiex taghti d-digriet relattiv skond il-ligi" (sottolinear ta' din il-Qorti).
**2.** Il-fatti li taw lok ghal dan it-tieni "appell" f'dawn il-proceduri ga gew dettaljatament elenkati minn din il-Qorti fid-decizjoni taghha tat-2 ta' Gunju 2004. Ghall-finijiet ta' pratticita` l-imsemmija decizjoni tat-2 ta' Gunju 2004 qed tigi hawn riprodotta biex wiehed ikun jista' jifhem ezattament l-*iter* pjuttost imhawwad ta' dawn il-proceduri:

**"Il-Qorti:**

1. Din hi decizjoni minn appell maghmul mill-intimata Rose Grech minn digriet moghti fis-16 ta' Marzu 2004 mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri li permezz tieghu *inter alia* gie ordnat il-bejgh bis-subbasta kif kontenut fl-atti tal-bejgh bis-subbasta numru 9/2003.

2. Ikun fl-ewwel lok utli li jinghata sunt tal-fatti li sehhew u li wasslu ghal dan l-appell:
(a) Fit-30 ta' Awissu 2001 il-konjugi Michaelangelo Cordina u Rose Grech iffirmaw kuntratt ta' separazzjoni personali. Fost il-kundizzjonijiet miftehma tnizzel li:

"The wife is furthermore agreeing to pay unto the husband, who accepts from her the sum of sixty thousand Maltese liri (Lm60,000)..."

Inqala’ nuqqas ta’ qbil bejn il-partijiet fis-sens li min-naha wahda l-imsemmi Michaelangelo Cordina qieghed jikkontendi li martu ghad fadlilha thallsu bilanc sostanzjali minn dana l-ammont, filwaqt li din tghid li m’ghandha thallas xejn aktar lil zewgha.

(b) Fl-1 ta’ Settembru 2003, Michaelangelo Cordina spedixxa ittra ufficcjali lil Rose Grech fejn interpellha biex din thallsu s-somma bilancjali ta’ Lm52,000 ghall-perijodu Awissu 2002 sa Awissu 2003. Din l-ittra inoltre kienet tghid hekk:

“Dan l-avviz qed jintbaghat *ai termini* ta’ l-Artikolu 256 tal-KOPC Kap. 12”.

L-ittra giet notifikata lill-intimata fl-4 ta’ Settembru 2003. L-intimata ma jidhirx li effettwat xi hlasijiet jew wiegbet ghal din l-ittra ufficcjali.

(c) B’rikors ipprezentat fit-23 ta’ Settembru 2003, l-imsemmi Michaelangelo Cordina talab lill-Qorti biex din tordna l-bejgh bis-subbasta ta’ proprjeta` immobiljari ta’ l-intimata sabiex jigi sodisfatt il-kreditu pretiz minnu prevja n-nomina ta’ perit arkitett.

(d) Fis-16 ta’ Jannar 2004, il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri laqghet it-talba, bin-nomina ta’ perit tekniku ghall-fini ta’ l-istimi mehtiega u bin-notifika tad-digriet lill-partijiet u dan “*ai termini* ta’ l-Artikolu 306(2) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta”.

(e) Fid-19 ta’ Frar 2004, l-intimata Rose Grech ipprezentat rikors quddiem l-istess Qorti “skond l-Art. 283A tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili” fejn fih ikkontestat il-pretensjoni ta’ zewgha u li dan kellu xi dritt ghall-hrug ta’ xi wiehed mill-atti ezekuttivi msemmija fl-Artikolu 273 tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili. Illi ghalhekk l-imsemmija Rose Grech talbet hekk:

“... filwaqt li taghmel referenza ghall-Art. 283A tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili, titlob bir-rispett illi

din il-Qorti onorabbli (sic) joghgobha thassar il-bejgh fl-irkant bil-qorti ta' proprjeta` taghha fl-atti tal-bejgh *sub hasta* numru 9/2003 fl-ismijiet premessi".

(f) Fid-19 ta' Frar 2004 ukoll, jigifieri flimkien mar-rikors, l-imsemmija Rose Grech ipprezentat cedola ta' depozitu fir-Registru tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex),

"... biex taghmel tajjeb ghas-sospensjoni tas-subbasta numru 9/2003 fl-ismijiet fuq premessi ai termini ta' l-Artikolu 326(2) tal-Kap. 12".

(g) Fl-20 ta' Frar 2004, il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri tat id-digriet segwenti:

"Wara r-rikors ta' l-istess Rose Grech tad-19 ta' Frar 2004,

Illum 20 ta' Frar 2004,

Il-Qorti;

Rat ir-rikors u d-dokumenti annessi;

Tipprovdi ghalhekk billi tissospendi din is-Subbasta".

<u>Minn dan id-digriet ma gie interpost ebda appell minn ebda wahda mill-partijiet</u>.

(h) Fid-9 ta' Marzu 2004, Michaelangelo Cordina pprezenta rikors iehor fejn <u>*inter*</u> <u>*alia*</u> talab lill-ewwel Qorti sabiex din:

"Tirrevoka <u>*contrario*</u> <u>*imperio*</u> d-digriet taghha tal-20 ta' Frar 2004 u tordna l-prosegwiment tas-subbasta u possibilment fl-iqsar (sic) biex jaghmel tajjeb ghat-telf taz-zmien li nhela tort tal-manuvri (sic) li gew adoperati mill-istess intimata".

(i) B'digriet tal-10 ta' Marzu 2004, l-ewwel Qorti appuntat dan ir-rikors ghas-smiegh ghas-16 ta' Marzu 2004 prevja notifika tal-partijiet.

(j) Fil-15 ta' Marzu 2004, Rose Grech ipprezentat nota estensiva bhala risposta oppozitorja ghat-talba ta' zewgha.

(k) Fis-16 ta' Marzu inghata smigh u gie trattat ir-rikors ta' Michaelangelo Cordina tad-9 ta' Marzu 2004.

B'digriet taghha ta' dakinhar l-ewwel Qorti ddecidiet billi:

"Tilqa' t-talba u tirrevoka *contrario imperio* d-digriet taghha ta' l-20 ta' Frar 2004 li bih kienet issospendiet din is-subbasta u dana a tenur ta' l-Art. 326(4) tal-Kap. 12 ghall-fini ta' l-access mill-perit tekniku minnha nominat tiffissa l-jum tat-2 ta' April 2004 fit-3.00pm".

**L-APPELL TA' ROSE GRECH**

3. Fit-22 ta' Marzu 2004, Rose Grech interponiet appell minn dan id-digriet tas-16 ta' Marzu 2004 u talbet lil din il-Qorti biex:

"...thassar u tirrevoka d-digriet tas-16 ta' Marzu 2004 u thassar il-bejgh bl-irkant bil-qorti ta' proprjeta` taghha fl-atti tal-bejgh *sub hasta* numru 9/2003 fl-ismijiet premessi, bl-ispejjez kollha kontra l-appellat".

**IR-RISPOSTA TA' L-APPELLAT MICHAELANGELO CORDINA**

4. L-appellat, oltre li oppona t-talba ta' l-appellanti martu fil-meritu, qajjem ukoll eccezzjoni ta' indole legali billi rrifera ghall-Artikolu 326(4) tal-Kap. 12 fejn jinghad li "kull digriet bhal dan ma jistax jigi kkontestat f'ebda Qorti" u li ghalhekk sostna li l-provedimenti ta' l-Artikolu 238A m'humiex applikabbli u li dan l-appell kellu ghalhekk jigi ddikjarat null.

**KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI**

5. Moghti l-*iter* shih ta' din il-vertenza u wara li gew ikkonsidrati s-sottomisssjonijiet tal-partijiet, din il-Qorti hija

tal-fehma li l-objezzjoni sollevata mill-appellat dwar in-nullita` tar-rikors ta’ appell hija wahda legalment fondata.

6. Minn ezami ta’ l-atti jirrizulta li l-ewwel Qorti ma mxietx korrettement, minn punto di vista procedurali, b’riferenza ghall-ewwel rikors intavolat mill-appellanti Rose Grech a tenur ta’ l-Artikolu 283A tal-Kap. 12. Skond il-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili, hemm regoli cari u espliciti kif kellu jitmexxa s-smigh ta’ dan ir-rikors min-naha tal-Qorti. Jidher pero` li l-ewwel Qorti “kkonfondiet” flimkien iz-zewg atti gudizzjarji maghmulin fl-istess jum tad-19 ta’ Frar 2004 da parti ta’ Rose Grech – jigifieri rikors ghat-thassir ta’ att ezekuttiv a tenur ta’ l-Artikolu 238A u c-cedola ta’ depozitu ghat-twaqqif tas-Subbasta a tenur ta’ l-Artikolu 326(2) tal-Kap. 12 – u bla ma giet notifikata l-kontroparti, l-ewwel Qorti pprovdiet billi ssospendiet l-ordni ghall-bejgh bis-subbasta. Darba li kien jidher ovvju – ta’ l-anqas ghall-appellanti Rose Grech – illi tali provvediment ma kienx qieghed jindirizza kif mitlub it-talba taghha ghat-thassir ta’ l-att ezekuttiv *de quo*, l-imsemmija Rose Grech kienet tenuta li fic-cirkostanzi tappella minn dak id-digriet kif moghti fl-20 ta’ Frar 2004, entro t-terminu msemmi fl-Artikolu 238A – appell li l-imsemmija Rose Grech baqghet ma ghamlitx.

7. Id-digriet meritu ta’ l-appell odjern ad istanza ta’ Rose Grech jirreferi espressament ghar-rikors maghmul mill-appellat Cordina a tenur ta’ l-Artikolu 326 (4) tal-Kap. 12. A differenza tal-procedura l-ohra, din id-darba l-ewwel Qorti mxiet korrettement minn punto di vista procedurali, jigifieri billi gew debitament notifikati l-partijiet kollha u nghata smiegh xieraq lit-tnejn. Issa darba li l-proceduri in ezami regghu tkomplew fuq il-binarju kif hemm imsemmi fl-Artikolu 362 tal-Kap. 12 – procedura li anke l-imsemmija Rose Grech ghamlet uzu minnha in forza tac-cedola ta’ depozitu taghha surreferita pprezentata fid-19 ta’ Frar 2004 – ghandu allura jsegwi li d-digriet moghti mill-ewwel Qorti fis-16 ta’ Marzu 2004 inghata ai termini ta’ l-Artikolu 326 tal-Kap. 12 – kif del resto qalet ukoll dik il-Qorti. Kull riferenza ghalhekk min-naha ta’ l-appellanti ghall-Artikolu 283A tal-Kap. 12 ma tiswiex ghaliex l- appell taghha ma sarx b’riferenza ghad-digriet moghti mill-ewwel Qorti fl-20

ta’ Frar 2004 imma jirreferi invece ghad digriet datat 16 ta’ Marzu 2004.

Skond l-Artikolu 326(4), ir-rikors intavolat ulterjorment mill-appellat Cordina mhux biss huwa ammess mil-ligi tal-procedura imma l-istess artikolu jistabbilixxi wkoll il-procedura (wahda sommarja) li ghandha tigi segwita f’kazijiet ta’ din ix-xorta – li jidher li giet segwita u inoltre jistabbilixxi kjarament hekk:

“Kull digriet bhal dan ma jista’ jigi kkontestat f’ebda qorti”.

Ghalhekk isegwi li l-objezzjoni ta’ l-appellat Cordina hija wahda fondata.

Ghal dawn il-motivi:
Tiddeciedi billi tiddikjara l-appell ta’ l-appellanti Rose Grech bhala wiehed irritu u null u ghalhekk qeghdha tirrespingieh bl-ispejjez gudizzjarji kontra taghha.”

**3.** In segwitu ghal din id-decizjoni, Grech ippresentat, fit-3 ta’ Gunju 2004, rikors iehor quddiem l-ewwel Qorti li permezz tieghu, wara li fissret li, skond hi, it-talba taghha ghal thassir maghmula bir-rikors tad-19 ta’ Frar 2004 kienet ghadha pendenti, b’mod ghalhekk li dak ir-rikors kien “ghadu mhux degretat u ghadu pendenti sallum”, talbet li dik il-Qorti taghti “provvediment finali dwar it-talba maghmula bir-rikors taghha tad-19 ta’ Frar 2004”.
**4.** B’digriet moghti fil-Qorti bil-miftuh fl-24 ta’ Awissu 2004 il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex, Gurisdizzjoni Generali, Superjuri) ipprovdiet hekk: *“Billi anke kif irrilevat il-Qorti ta’ l-Appell fil-proceduri relatati r-rikorrenti naqset milli tappella fiz-zmien koncess mill-ligi mid-digriet taghha ta’ l-20 ta’ Frar 2004 minkejja li kienet giet debitament notifikata bih; Billi ghalhekk dan id-digriet sar wiehed finali, illum din il-Qorti ma baqaghlha ebda alternattiva ghajr illi tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tar-rikors ta’ Rose Grech tad-19 ta’ Frar 2004 u ta’ kwalunkwe talba ohra minnu dipendenti.”* Huwa minn dan id-digriet ta’ astensjoni

li qieghed isir l-appell odjern (permezz tar-rikors tat-30 ta' Awissu 2004).

**5.** L-appellat Cordina, fir-risposta tieghu tat-13 ta' Settembru 2004 ghall-imsemmi rikors ta' appell, bazikament jikkontendi li dana l-appell huwa abbuz tal-process gudizzjarju, kif ukoll li l-appell huwa irritu u null.

**6.** Issa, apparti dak li qalet din il-Qorti fid-decizjoni taghha tat-2 ta' Gunju 2004 – decizjoni li, tajjeb li jinghad a skans ta' ekwivoci, kienet ibbazata principalment fuq dak li jiddisponi s-subartikolu (4) tal-Artikolu 326 tal-Kap. 12, filwaqt li r-referenza li saret f'dik id-decizjoni ghall-fatt li ma kienx sar appell mid-digriet tal-20 ta' Frar 2004 kienet pjuttost *obiter* – din il-Qorti issa ghandha quddiemha appell, permezz ta' rikors, minn digriet li la jichad ir-rikors ghat-thassir ta' att ezekuttiv u anqas jilqa' talba f'dan is-sens[1], izda semplicement jastjeni milli jiehu konjizzjoni ta' rikors[2] biex il-Qorti tipprovdi dwar rikors iehor precedenti[3] fejn saret talba simili.

**7.** Fl-udjenza tal-14 ta' Frar 2005 quddiem din il-Qorti giet ventilata il-kwistjoni tar-ritwalita` ta' dana l-appell. Infatti, l-abbili difensur ta' l-appellanti giet mitluba tindika taht liema disposizzjoni tal-ligi kien qed isir l-appell odjern; u peress li l-imsemmija difensur ma kienitx f'posizzjoni tindika *seduta stante* tali disposizzjoni, il-Qorti ddifferiet il-kawza ghas-sentenza ghal-lum bil-fakolta` li l-appellanti tindika permezz ta' nota tali disposizzjoni. Effettivament, l-appellanti, bin-nota taghha tas-16 ta' Frar 2005, indikat l-Artikolu 226 tal-Kap. 12 "bhala d-disposizzjoni tal-ligi li permezz taghha sar l-appell odjern, u dan peress illi d-digriet tat-24 ta' Awissu 2004 temm il-proceduri ladarba qal (hazin fil-fehma ta' l-appellanti) illi l-kwistjoni kienet maghluqa". Il-kontroparti, Michaelangelo Cordina, permezz ta' nota ppresentata fit-18 ta' Frar 2005 ma qabilx li din id-disposizzjoni hija applikabbli.

**8.** Din il-Qorti ma taqbilx ma' l-appellanti, u tiddikjara bla tlaqliq li l-imsemmi Artikolu 226 huwa inapplikabbli ghall-kaz odjern. L-Artikolu 226 japplika biss ghal appelli minn sentenza, mentri l-provvediment tal-24 ta' Awissu 2004 huwa kjarament digriet – kif del resto ssejjahlu anke l-

[1] Ara s-subartikolu (4) tal-Artikolu 283A tal-Kap. 12.
[2] Tat-3 ta' Ginju 2004.
[3] Tad-19 ta' Frar 2004.

appellanti fir-rikors ta’ appell taghha. Ma hux digriet interlokutorju, kif qed tippretendi l-kontroparti; pero` jibqa’ digriet u mhux sentenza, ghax il-legislatur stess ried li l-kwistjonijiet dwar mandati sia ezekuttivi -- Artikolu 283A -- kif ukoll kawtelatorji -- Artikolu 836 -- li jigu kontestati quddiem il-Qorti li tkun emanathom bil-procedura specjali tar-rikors skond dawn l-imsemmija zewg disposizzjonijiet, jigu definittivament decizi permezz ta’ digriet u mhux ta’ sentenza, u bi dritt ta’ appell direttament ghal quddiem din il-Qorti biss fil-kazijiet specifikati. Anke jekk jista’ jinghad – u din il-Qorti ghandha riservi kbar f’dan ir-rigward – li d-digriet tal-24 ta’ Awissu 2004 huwa wiehed definittiv, il-mod kif dan id-digriet jista’ jigi kontestat ma hux billi jsir rikors direttament ghal quddiem din il-Qorti. Ghal kull buon fini din il-Qorti taghmel referenza ghad-decizjoni taghha tad-19 ta’ Novembru 2001 fl-ismijiet ***Paul Tanti pro et noe et v. Sammy u Joseph ahwa Mifsud pro et noe*** – bil-precisazzjoni, pero`, li f’din is-sentenza il-kwistjoni kienet tirrigwarda mandat kawtelatorju u mhux ezekuttiv.

**9.** Ghall-motivi premessi, tiddikjara l-appell ta’ Rose Grech tat-30 ta’ Awissu 2004 irritu u null u tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tieghu, bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------